**Smajtek**

Smajt il-karba tiegħek
Li daħlet f'qalbi,
Regħditni minn ġewwa
U saret talbi.

Ħassejt qalbek siekta
Tħabbat bezgħana,
Għalik tlabt biex qalbek
Għad tkun ferħana.

Tibżax, hemm l-imħabba
Li qed tistennik,
Induna biss biha
O kemm se thennik.

Int ibqa' miftuħa
O mara ħelwa,
Il-glorja tas-Sema
Tħaddnek fid-dnewwa.

Mintix aktar waħdek
Qalbek mimlija,
Fik hemm ħafna għożża
Kollok sbuħija.

Aghmel il-qalb mara
U strieħ fit-tiġrib,
Għajnejk jarmu l-paċi
'l Kristu qed issib.

Iftaħ qalbek Eva
Insa t-tbaqbiqa,
Imtela bl-imħabba
Ilqa' t-tgħanniqa.

Patri Mario Attard OFM Cap
18 ta' Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.